DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Ottubru 2009

dwar l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' estratt lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba* bħala ingredjent alimentari ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7647)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2009/752/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Settembru 2006, il-kumpanija Neptune Technologies & Bioressources Inc. għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja biex tqiegħed fis-suq estratt lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba* bħala ingredjent ġdid tal-ikel.

(2) Fit-29 ta' Jannar 2007 l-istituzzjoni kompetenti għall-evalwazzjoni tal-ikel tal-Finlandja ħarġet ir-rapport inizjali tagħha ta' evalwazzjoni. F'dak ir-rapport din waslet għal konklużjoni li l-użu tal-estratt lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba* bħala ingredjent alimentari kien aċċettabbli.

(3) Il-Kummissjoni bagħtet ir-rapport preliminari ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri kollha fid-19 ta' Frar 2007.

(4) Fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tressqu oġġezzjonijiet motivati għat-tqegħid fis-suq tal-prodott skont din id-dispożizzjoni.

(5) Għalhekk l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari (l-EFSA) ġiet ikkonsultata fil-31 ta' Jannar 2008.

(6) Fl-Opinjoni Xjentifika tal-Bord tan-Nutrizzjoni tal-Prodotti Dijetetiċi u l-Allerġiji fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sikurezza tal-"Estratt lipidu mill-*Euphausia superba*" bħala ingredjent tal-ikel, il-Bord wasal għall-konklużjoni li l-estratt lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba* kien sikur skond il-kondizzjonijiet ta' użu proposti.

(7) Fuq il-bażi tar-rapport ta' evalwazzjoni inizjali, ġie stabbilit li l-estratt lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba* hu konformi mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-estratt lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba* kif speċifikat fl-Anness I, jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent tal-ikel ġdid għall-użu fl-ikel u fil-livelli massimi kif speċifikat fl-Anness II.

Artikolu 2

L-isem "estratt tal-lipidu mill-krustaċju Krill tal-Antartiku *Euphausia superba*" għandu jintwera fuq l-ittikkettjar tal-prodott innifsu jew fil-lista ta' ingredjenti ta' oġġetti tal-ikel li jinsab fihom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lil Neptune Technologies & Bioressources Inc., 225 Promenade du Centropolis, Bureau 200, Laval, Quebec, H7T 0B3, il-Kanada.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

ANNESS I

SPEĊIFIKAZZJONI TAL-ESTRATT TAL-LIPIDU MILL-KRILL TAL-ANTARTIKU *EUPHASIA SUPERBA*

Deskrizzjoni

Sabiex jiġi prodott estratt tal-lipidu mill-Krill tal-Antartiku *Euphausia superba*, il-krill tal-Antartiku ffriżat jitgħaffeġ u jiġi soġġett għal estrazzjoni bl-aċetun. Il-proteini u l-kontenut tal-krill jitneħħew mill-estratt lipidu permezz ta' filtrar. L-aċetun u l-ilma li jibqa' jitneħħew permezz ta' evaporazzjoni.

Test	Speċifikazzjoni
Valur ta' Saponifikazzjoni	Mhux iktar minn 185 KOH/g
Valur perossidu (PV)	Mhux iktar minn 0,2 meq O_2/kg żejt
Umdità u Volatili	Mhux iktar minn 0,9 %
Fosfolipidi	Mhux aktar minn 50 %
Aċidi grassi trans	Mhux aktar minn 1 %
EPA (Aċidu eicosapentaenoic)	Mhux anqas minn 15 %
DHA (Aċitu docosahexaenoic)	Mhux anqas minn 7 %

ANNESS II

UŻI TAL-ESTRATT TAL-LIPIDU MILL-KRILL TAL-ANTARTIKU *EUPHAUSIA SUPERBA*

Grupp ta' Użu	Kontenut massimu ta' DHA u EPA kombinat
Prodotti magħmula mill-ħalib għajr xarbiet magħmula mill-ħalib	200 mg/100 g jew 600 mg/100 g għal prodotti tal-ġobon
Analogi magħmula mill-ħalib għajr xarbiet	200 mg/100 g jew 600 mg/100 g għal prodotti tal-ġobon
Xaħam li jiddellek u ħwawar	600 mg/100 g
Ċereali għall-kolazzjon	500 mg/100 g
Supplimenti tal-ikel	200-il mg f'kull doża ta' kuljum kif rakkomandat mill-manifattur
Ikel ta' dieta għal skopijiet mediċi speċjali	Skont ir-rekwiżiti ta' nutrizzjoni partikolari tal-persuni li għalihom il-prodotti huma intenzjonati
Ikel maħsub għall-użu f'dieti ta' enerġija ristretta għat-tnaqqis tal-piż	200 mg/sostitut tal-ikel